



Brussell, 15 ta' Diċembru 2022
(OR. en)

15931/22

**Fajl Interistituzzjonali:
2022/0232(COD)**

**CODEC 1994
TRANS 787**

NOTA PUNT "A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar it-tfassir tar-Regolament (KEE) Nru 1108/70 tal-Kunsill li jintroduċi sistema ta' kontabilità dwar l-infiq fuq l-infrastruttura fir-rigward tat-trasport bil-ferrovija, bit-triq u bil-passaġġi fuq l-ilma interni, u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 851/2006 li jispeċifika l-entrati li għandhom jiġu inklużi taħt id-diversi intestaturi fil-formoli tal-kontijiet murija fl-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1108/70 (l-ewwel qari) - Adozzjoni tal-att leġiżlattiv

1. Fit-3 ta' Awwissu 2022, il-Kummissjoni bagħtet lill-Kunsill il-proposta tagħha¹, ibbażata fuq l-Artikolu 91 TFUE.
2. Il-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni ġie kkonsultat u ddeċieda li ma jagħtix opinjoni².
3. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fis-26 ta' Ottubru 2022³.

¹ 11755/22.

² 13544/22.

³ 14427/22.

4. Fit-13 ta' Diċembru 2022, il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta tal-Kummissjoni. Ir-riżultat tal-vot tal-Parlament Ewropew jirrifletti l-ftehim li ntlaħaq bejn l-istituzzjonijiet dwar l-aċċettazzjoni tal-proposta tal-Kummissjoni u, għaldaqstant, għandu jkun aċċettabbli għall-Kunsill⁴.
5. Fil-laqgħa tiegħu tat-13 ta' Diċembru 2022, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti kkonferma l-qbil tiegħu u qabel li jissuġġerixxi li l-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, bħala punt "A" fl-aġenda ta' laqgħa li jmiss, kif tidher fid-dokument PE-CONS 68/22.
6. Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att leġiżlattiv jiġi adottat.

Wara l-iffirmar mill-Presidenti tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, l-att leġiżlattiv jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

⁴ 15928/22.